MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 41/2006/1

**L-Onor. George Pullicino**

**vs**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta’ Lulju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fid-9 ta’ Frar, 2006 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja li l-artikolu intitolat *“Jaggredixxi lill-President tal-Bord tal-Pitkali Crates”* pubblikat f’pagna 7 tal-harga ta’ ‘Kulhadd’ tal-5 ta’ Frar 2006 – li taghha huwa l-Editur – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur billi jikkontjeni

dikjarazzjonijiet foloz li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama tal-attur u li jesponuh ghar-redikolu tal-pubbliku; (2) li jhallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti in linea ta' danni a tenur tal-Art 28 tal-Kap 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jecepixxi illi ghandu jigi ndikat, fl-ewwel lok, il-kapacita' tieghu li fiha gie ccitat l-istess konvenut.

2. Illi qabel xejn ghandu jigi ppruvat li l-istess Felix Agius fid-data li gie ppublikat l-artikolu huwa kien l-editur tal-gurnal in kwistjoni.

3. Illi l-eccipjenti jeccepixxi wkoll li l-artikolu ndikat huwa bbazat fuq verita' tal-fatti.

4. Illi l-artikolu de quo, minghajr pregudizzju a suespost jikkostitwixxi *'fair comment'* f'socjeta' demokratika.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi b'certifikat mahrug mill-"Press Register" il-konvenut Felix Agius huwa konfermat Editur tal-gazzetta "Il-Kullhadd" fil-5 ta' Frar 2006. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti: Bil-harga ta' l-edizzjoni tal-5 ta' Frar 2006 tal-gazzetta "Il-Kulhadd" gie ppubblikat artikolu intestat *"Jaggredixxi lill-President tal-Bord tal-Pitkali*

*Crates"* u magemb dan il-*"heading"* hemm ir-ritratt ta' l-attur. Fl-artikolu gie allegat illi l-attur wara li mar jaghmel spezzjoni fl-imhazen tal-Pitkali Crates wera oggezzjoni ghal mod kif kienu qeghdin jinhaslu l-kaxxi, kien hemm xi ghajjat u wara intervent ta' Joseph Farrugia l-Onorevoli Ministru qabad lil Farrugia minn ghonqu. Ta' dan l-attur qieghed isib oggezzjoni u jghid li gie malafamat peress li ma kienx minnu illi sar hekk.

L-attur  xehed a fol 14 u qal illi meta mar fil-mahzen tal-Pitkali Crates beda jispezzjona l-kaxxi u sab illi dawna kienu mahmugin minkejja li kienu ghadhom kemm ghaddew mill-magna tal-hasil. Jakkumpanjaw lill-Ministru kien hemm erba' ufficjali ohra, l-*"communications officer"* tad-dipartiment tieghu Ray Bezzina, d-Direttur ta' l-Agrikoltura Tony Mifsud, il-Manager tal-Pitkalija Gejtu Schembri u c-*"Chief Security Officer"* Jimmy Vassallo. Fil-kors ta' l-ispezzjoni gie wkoll Peter Axisa l-President tal-Bord tal-Pitkali Crates akkumpanjat minn Direttur iehor Joseph Farrugia. Meta l-attur ipprova jispjega lis-Sur Farrugia dak li kien qieghed jigri fil-mahzen, Farrugia ma riedx jisma u hin minnhom insulta lill-istess Ministru, dar u beda jimxi l'barra, izda hawnhekk l-attur jirrikonoxxi li gibed il-hood ta' l-*"sports jacket"* illi kien liebes is-Sur Farrugia, izda nnega kategorikament illi qabdu minn ghonqu.

Ix-xhieda l-ohra li kienu qeghdin jakkumpanjaw lill-Ministru dak il-hin Ray Bezzina, Tony Mifsud u Gejtu Schembri u Jimmy Vassallo kollha qalu bejn wiehed u iehor l-istess haga, illi kien hemm l-ghajjat fil-mahzen. Is-Sur Farrugia kien insulenti fil-konfront ta' l-attur u l-attur li gibed il-hood tas-Sur Farrugia huwa u hiereg 'l barra, izda kollha jichdu b'mod kategoriku li l-Ministru qabdu minn ghonqu.

Joe Farrugia, quddiem il-Qorti kkonferma din l-allegazzjoni meta xehed  (fol 32) illi kien hemm

hafna ghajjat gej min nahha tal-Ministru u meta wiegbu b'mod insolenti u dar biex johrog 'l barra jhoss gibda goffa minn wara *"kif dort nara lill-Ministru quddiemi u kien hawnhekk illi l-Ministru pogga jdejh ma' ghonqi ...."* Mark Anthony Micallef a fol 41 illi wkoll kien prezenti jiddeskrivi l-mossa tal-Ministru bhala *"jaghmillu idejh ma' ghonqu..."* L-unika wiehed illi ddeskriva certa vjolenza fl-agir tal-Ministru kien Mark Anthony Micallef wiehed mill-haddiema tal-post illi uza l-kliem *"il-Ministru hatfu minn ghonqu"*. Fil-kontro-ezami tieghu s-Sur Farrugia kkonferma l-veracita' ta' l-artikolu ppubblikat mill-konvenut.

Ikkunsidrat:

Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ecepixxa fost affarijiet ohra illi l-artikolu indikat huwa bbazat fuq il-verita' tal-fatti kif ukoll illi l-artikolu de quo jikkostitwixxi *"fair comment"* f'socjeta' demokratika. Jibda biex jinghad illi l-artikolu inkwistjoni ma fih l-ebda kummenti ta' xejn izda biss rapport fattwali ta' dak illi suppost gara l-pitkalija, ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccezzjoni ta' *"fair comment",* il-Qorti ma jidhirliex li ghandha tidhol fil-konsiderazzjoni ta' din il-kwistjoni minhabba r-raguni gia moghtija u ghalhekk tillimita l-gudizzju taghha dwar l-eccezzjoni tal-verita' tal-fatti u cioe' illi dak illi gie riportat huwa sostanzjalment korrett u jirrifletti dak illi gara dakinhar.

Ikkunsidrat:

Illi rwol tal-partijiet fil-gbir tal-provi huma differenti. L-attur irid jipprova illi huwa gie malafamat b'xi agir tal-konvenut. F'dan il-kaz pubblikazzjoni f'gurnal lokali dwar agressjoni maghmula mill-attur. Stante n-natura pubblika tal-posizzjoni ta' l-attur, li ghandha tesprimi fiducja u onesta' fit-treggija ta' l-amministrazzjoni tal-pajjiz, allegazzjoni ta' aggressjoni fil-konfront tieghu tista' taghti lok ghal dawn il-proceduri. Ghalhekk kien

jinkombi fuqu illi jidentifika lill-konvenut f'rabta ma' dak li gie ppubblikat u sa fejn dan ingurjah jew immalafamah. Dan l-attur ghamlu billi esebixxa c-certifikat mill-*"Press Registrar"* dwar l-identifikazzjoni tal-konvenut (fol 12), esebixxa kopja tal-pubblikazzjoni lamentata minn fejn jirrizulta r-rapurtagg malafamat fil-konfront tieghu.

Min nahha tal-konvenut kien jinkombi fuqu l-prova illi dak li ppubblika huwa sostanzjalment korrett, quindi illi huwa veru illi l-Ministru Pullicino kien aggressiv u li qabad lil Joseph Farrugia minn ghonqu.

Hawnhekk il-Qorti ssib konflitt serju ta' idejat. Min nahha ta' l-attur filwaqt li jikkonferma certa rabja li skond hu kienet gustifikata u li gibed il-hood ta' Joseph Farrugia bl-ebda mod ma jaccetta li qabad lis-Sur Farrugia minn ghonqu. Min nahha l-ohra l-provi illi tressqu filwaqt illi jikkonfermaw it-tensjoni li kien hemm fis-sala sforz l-ghajjat ta' l-istess ministru ma jikkonfermawx l-impressjoni ta' vjolenza kif donnu jissuggerixxi l-artikolu inkwistjoni. L-istess Joseph Farrugia li suppost issubixxa l-aggressjoni jsemmi biss li l-Ministru pogga idejh ma' ghonqu. Dana huwa kkonfermat minn Mark Anthony Micallef a fol 41 fejn ukoll ighid li l-Ministru ghamel idejh ma' ghonq is-Sur Farrugia. Kif gia nghad, l-unika wiehed illi forsi ta element ta' vjolenza huwa Mark Anthony Micallef il-haddiem, illi xehed illi l-Ministru "hataf" lis-Sur Farrugia minn ghonqu.

Fil-kontro-ezami pero' s-Sur Farrugia a fol 49 jikkonferma l-veracita' tal-artikolu ppubblikat mill-konvenut. Ghalhekk anke f'dan is-sens hemm daqsxejn ta' konflitt bejn ix-xhieda tas-Sur Farrugia kif moghtija fil-Qorti u l-konferma tieghu ta' l-artikolu in toto. Quindi filwaqt illi l-Qorti lesta li tirrikonoxxi li dak il-hin kien hemm xi tensjoni fis-sala sforz ir-rabja ta' l-attur u xi ghajjat, huwa minnu li l-attur gibed il-hood tal-*"sports jacket"* tas-

Sur Farrugia u forsi pogga jdejh ma’ ghonqu. Dan id-dubju ma jwassalx f’ghajnejn il-Qorti ghall-estremi ta’ vjolenza li donnu ried juri l-artikolu lamentat, li l-konvenut ghamel tieghu minghajr is-solitu kawtela ta’ l-allegazzjoni tal-fatt ripurtat. Pero’ m’huwiex daqshekk il-boghod minn dak li attwalment gara. Anke jekk titwarrab il-kwistjoni dwar il-qbid ta’ l-ghonq tas-Sur Farrugia, l-fatt illi l-attur gibdu mill-hood jista’ b’xi mod tigi nterpretata bhala forma ta’ aggressjoni fuq is-Sur Farrugia. Ghalhekk f’dan l-istadju tqum il-kwistjoni jekk l-attur bhala persuna pubblika, Ministru tal-Gvern ta’ Malta kellux jissaporti din il-kritika fil-mansjoni ta’ l-operat tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ma tistax ma taghmilx referenza ghall-kawza fl-ismjiiet Lombardo and others vs Malta moghtija mill-*“European Court of Human Rights”* fl-24 ta’ April 2007 partikolarment dwar il-limiti ta’ tolleranza illi ghandu jissaporti politikant. Fost affarijiet ohra l-Qorti qalet *“the court recalls that the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lay themselves open to close scrutiny of their words and deeds by journalists and the public at large, and they must consequently display a greater degree of tolerance”*. Hawnhekk il-Qorti ghamlet referenza ghal kawzi *Lingens vs. Austria* u ohrajn kif riportati fl-istess gudikat u jkompli jghid *“Moreover, the limits of permissible criticism are wider still with regard to the government than in relation to a private citizen or even a politician”.*

Dan ifisser quindi illi hemm tlett livelli ta’ tolleranza ghal kritika, l-*“private citizen”,* il-politikant u l-istat. B’dan ta’ l-ahhar b’referenza ghal Kunsill Lokali *“...should be expected to display a high degree of*

*tolerance to criticism."* Ghalhekk il-livell ta' tolleranza ghal kritika ta' politikant huwa inqas ghal dak li huwa livell ta' serjeta' fil-konfront ta' stat jew *"an elected political body"*. Pero' l-istess gudikat ighallem li mhux il-kritika kollha trid tigi tollerata b'sens wiesa' mill-politikant jew persuna pubblika, izda biss dik li tirrigwarda *"information and ideas on all matters of public interests."*

Fil-fatt il-Qorti tkompli tghid *"..That the press fulfils an essential function in a democratic society. Although it must not overstep certain bounds, particularly as regards the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest."*

Filwaqt illi l-Qorti ma jidhrilhiex illi l-kondizzjoni tal-kaxxi fil-Pitkalija jikkostitwixxu f'xi haga ta' materja ta' interess pubbliku, l-agir tal-Ministru specjalment meta jigi allegat aggressjoni da parti tieghu hija kwistjoni ta' interess pubbliku, li allura jorbot lill-gurnalist li jagixxi *"in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism"* (ara s-sentenza fuq imsemmija). Filwaqt illi l-Qorti mhijiex fil-posizzjoni li tiggudika l-animu ta' l-awtur ta' l-artikolu, dan ta' l-ahhar zgur li ma jipprovdix *"accurate and reliable information"* ta' dak li verament gara dakinhar tal-mawra tal-Ministru fil-Pitkalija tal-Gvern, ghad li jista' jitqies bhala *"borderline case"* peress illi l-gbid tal-hood tal-*"sports jacket"* tas-Sur Farrugia jista' jitqies fih inniffsu bhala att ta' aggressjoni, izda mhux fil-livelli li ppruvat turi l-artikolu lamentat. Il-Qorti ghalhekk sejra tqis dan il-fatt bhala mitigazzjoni fl-ghoti tad-danni.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-attur u tiddikjara illi l-artikolu intitolat *“Jaggredixxi lill-President tal-Bord tal-Pitkali Crates”* ppubblikat f’pagna 7 tal-harga ta’ ‘Kulhadd’ tal-5 ta’ Frar 2006 – li taghha l-konvenut huwa l-Editur – huwa libelluz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur billi tikkontjeni dikjarazzjonijiet foloz li ghandhom bhala skop li joffendu l-unur u l-fama ta’ l-attur u li jesponuh ghar-redikolu tal-pubbliku.

U tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur in linea ta’ danni a tenur tal-Artikolu 28 tal-Kap 248 is-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.**”**

Bl-appell tieghu minn din is-sentenza l-konvenut jikkritika l-evalwazzjoni tal-provi da parti ta’ l-ewwel Qorti in mertu ghall-eccezzjoni minnu mqanqla tal-verita tal-fatti;

M’hemmx dubbju li wahda mid-difizi konsentiti lill-konvenut f’materja ta’ azzjoni ta’ libell hi dik tal-verita tal-fatti. Jispjega l-**Gatley** (“**On Libel and Slander**”, 7th Edition, 1974, para 352) illi “*the truth of the imputation is an answer to the action, not because it negatives malice, but because the plaintiff has no right to a character free from that imputation, and if he has no right to it, he cannot in justice recover damages for the loss of it; it is ‘damnum absque injuria’.*” Naturalment, biex tirnexxi d-difiza tal-verita tal-konvincju, il-fatt ghandu jigi pruvat. Ghal dik li hi l-gurisprudenza taghna fuq dan il-punt ara, fost ohrajn, “**Reginald G. Miller -vs- Harold Scorey**”, Appell Kriminali, 8 ta’ Novembru, 1952 u “**Captain Joseph E. Agius *nomine* -vs- Joseph Attard Kingswell**”, Appell Kriminali, 7 ta’ Mejju, 1960;

Ta’ rilevanza jrid jigi notat illi l-ligi taht l-Att dwar l-istampa (Kapitolu 248) tispecifika illi d-difiza tal-verita tal-fatti attribuwiti trid tkun wahda sostanzjalment ipprovata

[Artikolu 12 (2) (a)]. Ghal darb'ohra jinghad mill-**Gatley** (***Op. cit.*** **para. 1294**) illi "*where the libel is stated as a general conclusion founded on certain discreditable incidents in the public life of the plaintiff, the defendant need not prove that all the separate incidents are true in order to establish a plea of justification; it will suffice if he proves enough to justify the jury in coming to the view that his general conclusion is justified*";

Id-dottrina kontinentali, specjalment dik Taljana, hi aktar preciza u konsona mal-vot tal-ligi taghna. Insibu a propozitu fl-opra ta' **Massimo Franzoni** ("**Le Obbligazioni da Fatto Illecito**", Ed. Utet, 2004, pagna 178) illi "*il requisito della verita dei fatti esposti indica la sostanziale corrispondenza tra i fatti come sono accaduti e i fatti come sono narrati, tuttavia, non deve essere interpretato in maniera troppo rigorosa, in quanto, in alcuni casi, assume rilievo anche l'errore: «l'eventuale discrepanza tra il fatto narrato e quello effettivamente accaduto non esclude che possa essere invocata l'esimente, anche putativa, dell' esercizio del diritto di cronaca, quando colui che l'ha divulgato la notizia, pur avendo compiutamente adempiuto il dovere di controllo delle fonti da cui ha appresa, abbia una percezione erronea della realtà»* (***Cassazione,*** **24 Settembre 1997, n. 9391**)." Zied ukoll jinghad mill-istess awtur illi, "*il requisto della verita, inoltre, ha ad oggetto l'essenza e la sostanza dell'intero contenuto informativo della notizia riportata, mentri i dati superflui, insignificanti ovvero irrilevanti, ancorche imprecisi, non possono essere presi in considerazione, per ritenere valicati i limiti dell'esercizio del diritto di informazione ed escludere l'operativita della causa di giustificazione*";

Il-Qorti ssoffermat fid-dettal fuq dawn il-principji dottrinali ghaliex jidhrilha li jservu ta' introduzzjoni aktar preciza ghall-evalwazzjoni tal-mertu tal-kaz;

Ir-rizultanzi istruttorji juru f'dan il-kaz illi l-attur appellat hassu malafamat b'dik il-parti ta' l-artikolu fejn gie allegat illi hu agredixxa lil Joseph Farrugia billi qabdu minn ghonqu. Fuq dan l-incident il-provi jiddivergu billi filwaqt li l-appellat, korroborat minn xhieda, ilkoll ufficcjali fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, jizmentixxi illi hu qabad lill-imsemmi Farrugia minn ghonqu, ix-xhieda ta' l-appellanti, ilkoll addetti mal-Pitkali Crates Limited, isostnu l-kuntrarju. Dan fis-sens illi l-attur attivament ippartecipa fil-fatt allegat. Nonostante din il-konflittwalita fuq dan l-incident specifiku jidher li l-provi ta' naha u ta' ohra jikkonvergu fuq dawn il-punti:-

(i) Li dakinhar ta' l-incident l-attur kien irrabjat bosta ghax kien osserva li l-*crates* ma kienux qed jitnaddfu sew;

(ii) Li kien l-attur li segwa lil Joseph Farrugia u li gibed lil dan mill-gakketta;

Konfrontata b'dawn il-provi u fatti l-ewwel Qorti tiddelineja l-konsiderazzjonijiet taghha b'dan il-mod:-

(i) Kienet tezisti tensjoni sforz l-ghajjat u r-rabja ta' l-attur;

(ii) Tirrikonoxxi li l-attur gibed il-*hood* ta' l-i*sports jacket* ta' Farrugia u li forsi pogga jdejh ma' ghonqu;

(iii) Ankorke tirraguna illi l-gbid tal-*hood* tista' b'xi mod tigi interpretata bhala forma ta' aggressjoni fuq is-Sur Farrugia, eppure, tirraguna wkoll, illi kien jezisti dubju minhabba l-ezistenza tal-konflitwalita` u dan, skond hi, ma kienx iwassal ghall-estremi ta' xi incident vjolenti, kif donnu ried juri l-artikolu lamentat;

Rispettosament, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-inkwadratura tal-fatti u l-interpretazzjoni tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti. Dan anke fid-dawl ta' l-aspetti guridici aktar 'il fuq senjalati. Huwa fatt accertat illi prossimu ghall-incident fejn l-attur segwa lil Farrugia u qabdu mill-ghonq tal-gakketta dan kien fi stat ta' rabja kbira u ta' eccitament qawwi. Korrettement valjati, il-kumpless tal-provi, komprizi dawk certament indizzjarji,

ma jistax jinghad illi dak il-komportament fl-attur ma oltrepassax dik il-kondotta ekwilibrata mistennija minn bniedem ta' temperament sobriju, konsiderata wkoll il-kariga pubblika tieghu ta' ministru. Mhux allura barra minn lewn id-dinja illi jkun sospett li tali mgieba tirrazenta kondotta anke aggressiva, fejn ferm probabbli, u verosimili wkoll, l-attur, anke jekk momentanjament, afferra lil Farrugia minn ghonqu. Del resto, lanqas dan ma gie ghal kollox eskluz mill-ewwel Qorti;

Kif taraha din il-Qorti f'qaghda bhal din l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkuntenta ruhha illi hawnhekk si tratta ta' "*borderline case*" in bazi ghall-motivazzjoni li l-gbid tal-gakketta, anke jekk aggressiva, mhix tal-livell li pprova jesponi l-artikolu mpunjat. Il-prova li htieglu jaghmel l-appellanti ma kellhiex tkun wahda stringenti u rigoruza ghax, kif sewwa jinsenja wkoll il-**Gatley** (***Op. cit.*** **para 1295**), "*where the libel charges a criminal offence* (u certament l-aggressjoni attribwita lill-attur hi ta' din in-natura) *the defendant in a plea of justification need only establish the commission of the offence charged on a balance of probabilities*". Taht dan il-profil, fejn allura wkoll fil-kamp civili mhux rikjest xi grad oghli ta' prova bhal dak fil-kamp kriminali, il-valutazzjoni accertativa tal-provi mill-ewwel Qorti kellha twassalha, bil-metru ta' dak l-istess "*balance of probabilities*" ghal soluzzjoni u konkluzjoni differenti minn dik adottata.

Ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, ta' fatt u ta' dritt, l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza appellata, revokata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jibqghu, fic-cirkustanzi, sopportabbli ugwalment mill-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------